# IL-PARROĊĊA TA' ĦAD-DINGLI BIL-PREĠJI U L-PROBLEMI TAGĦHA FID-DAWL TAL-VIŻTA PASTORALI TAS-SENA 1716

*Alexander Bonnici O.F.M. CONV. H.E.D., S.TH.L., PH.B.*

Il-ktieb "Ħad-Dingli: 300 Sena Parroċċa" tana ħafna dawl dwar l-istorja ta' Ħad-Dinglu ta' kull Zmien[1]. Jiena kont ktibt dwar il-parroċċa meta kienet qed titħejja biex terġa' tieħu l-ħajja[2]. Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra, għamilt pass 'il quddiem f'din l-istorja biex ippreżentajt il-qagħda ta' Ħad-Dingli sas-sena 1702.[3] Il-ħsieb ta' din il-kitba hu li jsir pass ieħor 'il quddiem fl-istorja ta' din il-parroċċa. Sejrin inħarsu lejn Ħad-Dinglu tas-sena 1716. Il-parroċċa kienet ilha li reġgħet saret qrib 38 sena. Il-kappillani ma kenux qed idumu f'dan ir-raħal. Diġà kienu saru tmien kappillani: (1) Dun Rajmond Mifsud, (2) Dun Indri Spiteri (3) Dun Bernardin Dingli (4) Dun Duminik Cumbo (5) Dun Ġużepp Mizzi (6) Dun Ġużepp Paci, (7) Dun Ġwakkin Camilleri u (8) Dun Ġakbu Murga. Il-viżta pastorali, li minnha sejrin niġbru ftit dettalji, tagħtina tagħrif ħafif dwar kull wieħed minn dawn il-kappillani.[4]

## Isqof li jimrad waqt il-Viżta

Il-mertu ta' din il-kitba jmur għal Dun Gejt Borgia li, fit-2 ta' Ġunju, 1716, mar flimkien ma' l-Isqof ta' Malta Mons. Ġakbu Canaves biex jagħmilha ta' kanċellier għal waqt din il-vista pastorali. Hu tana dettalji ħafna iżjed milli wieħed jistenna. L-Isqof kellu viżitaturi oħrajn miegħu. F'dak iż-żmien, Canaves xejn ma kien tajjeb f'saħħtu. Il-poplu kien tħejja għall-viżta bi priedki mid-dumnikan Patri Pietru Zahra. Meta l-Isqof qaddes fi ftuħ il-viżta, id-dumnikan għamel ukoll priedka wara l-vanġelu. L-Isqof temm il-quddiesa u beda l-viżta. Imma mbagħad, ma felaħx ikompli. Billi beda jħoss l-uġigħ tal-mard fuqu, Canaves telaq kollox f'idejn il-konviżitaturi li kienu Dun Pietru Gorgion (pro-viġarju tal-kurja ta' l-Isqof fl-Imdina) u l-Kanonku tal-Katidral Dun Sidor Azzopardi.[5]

## L-Artal Maġġur: Festi, obbligi, u Fratellanza

Fil-faċċata tal-knisja, kien hemm l-artal maġġur. Kien artal iddedikat lill-Verġni Marija Assunta: it-titular tal-parroċċa. Il-kwadru ta' l-Assunta kien fil-għoli wara l-artal, imdaħħal fil-ħajt. Fin-naħa ta' fuq tal-kwadru, kienet tidher l-Assunzjoni tal-Verġni Marija fis-sema. In-naħa t'isfel tal-kwadru, kienu jidhru l-qaddisin: San Ġwann Battista, San Pawl Appostlu, San Bastjan martri u San Rokku. Quddiem l-artal, kien hemm imdendel lampier, li b'qima lejn Ġesù Sagramentat, inżamm dejjem mixgħul. Mid-dħul tal-knisja, kienu jieħdu ħsieb jiċċelebraw il-festa ta' l-Assunta bl-ewwel u t-tieni għasar u b'quddiesa. Dawn kienu jitkantaw dejjem.

Il-Baruni Mark Anton Inguanes, b'legat li sar b'kuntratt quddiem in-Nutar Mario, Saliba, fil-31 ta' Diċembru, 1678, kien jagħti ħames skudi fis-sena minn dak li jidħol minn fuq il-beni tiegħu, bl-obbligu li titqaddes quddiesa fix-xahar.

Tumas Bonici ħalla żewġ egħlieqi lill-prokuratur tal-knisja bl-obbligu li ssir in-novena tal-Milied b'quddiesa letta u bil-litanija tal-Madonna kuljum, u bl-obbligu wkoll ta' tliet quddisiet nhar il-Milied.

Dun Rajmond Mifsud, l-ewwel kappillan, kien ħalla lill-knisja kapital ta' 400 skud, kif jedher f'kuntratt quddiem in-nutar Ġużeppi Allegritto fit-8 ta' Frar, 1681. Mill-imgħax tiegħu, kien jitqaddes numru ta' quddies skond kemm joħroġ bl-elemożna ta' Zewġ irbajja kull waħda.

Kif jidher ukoll mill-atti tan-nutar Ġann-Duminik Gatt, fl-1 ta' Frar 1662, il-werrieta ta' Dun Wistin Parnis kienu obbligati jagħtu lill-knisja tmienja fil-mija tar-renti tagħhom. Dawn ukoll kienu jsiru quddies bl-elemożna ta' żewġ irbajja.

Dun Viċens Attard kien ħalla wkoll legat biex minnu jgawdu l-knejjes parrokkjali kollha ta' rit latin. Dan jidher fit-testment tiegħu tad-29 ta' Diċembru, 1698, quddiem in-nutar Lwiġi Dello

Re. Ħad-Dingli kien imissha parti minn 87. Id-dħul kien isir quddies b'żewġ irbajja l-waħda. F'dak iż-żmien tal-viżta, Battistina Cassar kienet meqjusa bħala benefattriċi tal-parroċċa għaliex kienet ħalliet biċċa art fix-xaqliba msejħa "L-Għar il-Kbir." Imma l-parroċċa kienet se tkun il-werrieta ta' l-art wara l-mewt tad-donatriċi.
L-artal maġġur kellu fratellanza tas-Sagrament marbuta miegħu. Din kienet għall-irġiel. Il-fratelli kienu jieħdu ħsieb jiċċelebraw il-festa ta' Korpus fil-Ħadd fost ottava tas-solennità ta' l-Ewkaristija. Kienu jitkantaw l-ewwel għasar u l-quddiesa. Kienet issir ukoll purċissjoni solenni mar-raħal kollu. Il-fratelli kienu jikkumpanjaw ukoll fil-purċissjonijiet żgħar li kienu jsiru fit-tielet Ħadd ta' kull xahar. Huma kienu jilbsu dejjem il-konfratija.[6]

**L-Artal tal-Kurċifiss**
Fuq ixxellug tal-maġġur kien hemm l-artal tal-Kurċifiss. Il-kwadru tiegħu kienu juri 'l Kristu msallab. Quddiemu wkoll kien hemm lampier imdendel, li kien ikun mixgħul b'sens ta' devozzjoni mill-poplu nisrani.
Ma' l-artal tal-Kurċifiss, kien hemm marbuta s-Sodalità ta' l-Agonizzanti. Fiha setgħu jinkitbu kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa. Min jinkiteb fiha kien jagħti offerta ta' ħames ħabbiet fix-xahar. Meta, imbagħad, xi ħadd mill-miktubin kien ikun qiegħed imut, Ġesù Sagramentat kien jiġi espost, billi t-tabernaklu kien jinżamm miftuħ għal tliet sigħat. Wara l-mewt tal-membri, kienu jitqaddsu 30 quddiesa b'suffraġju għal kull wieħed. Il-prokuratur kien il-kappillan innifsu. Il-viżitaturi rrikmandaw lill-kappillan biex isib prokuratur ieħor u ma jibqax hu nnifsu. Kien meħtieġ ukoll lil-istatuti tas-sodalità jerġgħu jinkitbu u jkollhom l-approvazzjoni.[7]

**L-Artal tal-Madonna tar-Rużarju**
Fuq il-lemin tal-maġġur, kien hemm l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Il-kwadru kien juri 'l Verġni Marija biċ-ċkejken Ġesù u 'l San Duminku u Santa Katarina ta' Siena. Mad-dawra tiegħu, kien hemm kwadretti li juru fihom il-misterji tar-rużarju. Quddiemu wkoll, kien hemm lampier li jixegħluh f'xi ġranet stabbiliti.
Il-festa kienet tiġi ċelebrata bil-kant ta' l-ewwel għasar u tal-quddiesa, fil-ġurnata meta l-knisja Universali tfakkar ir-Rużarju. Kien hemm kapital ta' 10 uqijat (li kienu jġibu 25 skud). Il-festa kienet issir mill-imgħax tagħhom.
Fuq dak l-artal, kienet issir quddiesa fis-seba' festi tal-Madonna. Dan il-quddies kien isir b'dispożizzjoni ta' Injazja, armla Mompalao, kif jidher mill-atti tan-nutar Beneditt Vassallo, fit 30 ta' Mejju 1690. Dik il-mara kienet ħalliet għall-knisja biċċa art u dar ċkejkna fl-inħawi ta' Ħal Tartarni; din id-dar kienet mikrija bir-renta ta' 32 irbija fis -sena.[8]

**Kummenti u Deskrizzjoni dwar il-Knisja.**
Artali oħrajn ma kienx hemm. Il-knisja ma kienx fiha ħlief navata waħda. Kien hemm żewġ konfessinarji ta' kwalità medjokri. Kien hemm bieb tal-ġenb f'nofs in-navata jagħti għal barra. Lill-Kappillan, irrikmandawlu biex il-pulptu li kien hemm jitqiegħed maġenb dan il-bieb, kemmxejn 'l isfel minnu. Fil-knisja, kien isir id-dfin. Imma lill-kappillan ordnawlu biex l-oqbra li kienu qrib wisq tat-tarġa taż-żewġ artali laterali jitneħħew.
Is-sagristija kienet wara l-artal maġġur. Fiha, kien hemm diversi armadji ta' l-injam biex jerfgħu fiha l-paramenti u l-bżonnijiet kollha tal-knisja.
F'dak iż-żmien, kien għad ma hemmx ħlief reġistru parrokkjali wieħed. Fih kienu jitniżżlu l-ismijiet ta' dawk li jitgħammdu, jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof, jiżżewġu, u jmutu. Ir-reġistru jibda mis-sena 1681. Il-kappillan ġie mogħti l-ordni biex jagħmel erba' reġistri separati minn xulxin, u jiksiehom bil-pergamena. Kellu jħejji wkoll reġistru ieħor, akbar fid-daqs, biex ikun ta' Status Animarum: b'deskrizzjoni tal-qagħda tal-parroċċa.[9]

## Knejjes, Kleru u Poplu ta' Ħad-Dingli

Kien hemm il-knisja benefiċjali ta' Santa Duminka, li kienet ġuspatronat imwaqqaf mill-baruni Mark Anton Inguanez u l-ewwel mara tiegħu Monika. F'dak iż-żmien, l-ilma tax-xita kien jidħol mis-saqaf, it-tibjid kien qed jaqa kollu, u kienet nieqsa mill-bżonnijiet. [10]

Knisja oħra kienet dik ta' Santa Marija Madalena. Kienet fuq l-irdum fl-aħħar tarf tal-gżira ta' Malta, in-naħa tan-nofs in-nhar. Kien fiha artal wieħed bi kwadru tal-Madalena. Il-festa kienet tiġi ċelebrata b'quddiesa sempliċi. Quddiem il-knisja kien hemm ċimiteru ċkejken. Kien inbena mill-poplu fl-1646. [11]

Il-parroċċa ta' Ħad-Dingli kien fiha madwar 400 ruħ. Il-qassisin kienu tnejn. Kien hemm Dun Ġakbu Murga (il-kappillan) u Dun Gejt Tanti. Kien hemm Pietru Zerafa li kien bħal gwardjan tal-knisja parrokkjali. Is-soltu, in-nisa li jagħmluha ta' qabla kienu jidhru dejjem fil-viżta pastorali. Imma f'Ħad-Dingli ma kien hemm l-ebda waħda. F'każ ta' bżonn, kienet tissejjaħ waħda mir-Rabat. Billi mal-qabla kienu marbutin xi dmirijiet li suppost li jkunu jafuhom, il-viżitatur insista mal-kappillan biex dan iħeġġeġ 'il xi mara ta' ħajja tajba biex fil-parroċċa tiegħu tintafa' fuq dan ix-xogħol. Ma kenux ftit it-trabi li jmutu fit-twelid. Għalhekk, kien importanti li jkun hemm nisa li jkunu jafu kif jamministraw il-magħmudija f'każ bħal dak. [12]

Din il-viżta pastorali hi waħda importanti għall-istorja tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Fiha mhux biss insibu deskrizzjoni dettaljata ta' kulma kien hemm, imma rajna li tiddeskrivielna b'mod ċar il-beni u l-obbligi li kien hemm marbuta mal-knisja. Stajna ninżlu ħafna iżjed fil-fond għax fil-fatt hemm tnax-il folja sħaħ ta' deskrizzjoni. L-importanza tar-rapport tikber għaliex il-kanċellier tana wkoll ftit tagħrif ta' storja u niżżel ukoll xi dokument ta' l-aħħar snin qabel ma reġgħet saret parroċċa. Minnha nafu minn xiex għaddiet il-knisja mis-sena 1575 sas-sena 1678, meta għal darb'oħra nqatgħet f'parroċċa għal rasha. [13]

1. Ħad-Dingli: 300 Sena Parroċċa: 1678-1978, p.76
2. Alex. Bonnici, ÆĦjiel minn Ġrajjiet il-Par roċċa ta' l-Assunta ta' Ħad-Dingli: 1575-1678., pp.9-18
3. Id., "Il-Qagħda tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli fl-ewwel snin tat-tieni twelid tagħha, "Dingli: Programm Festa 1988, pp.7-8.
4. ACM, Misc., 187, f.216
5. Ibid., ff.209-210
6. Ibid., ff. 211-212
7. Ibid., ff.212-213
8. Ibid., f.213
9. Ibid., ff.213,217-218
10. Ibid., ff.216-217
11. Ibid., f.218
12. Ibid., f.219
13. Ibid., ff.209.220

### ID-DINGLIN BARRA MILL-PARROĊĊA

Żgur li kulħadd huwa kburi bir-raħal jew belt li twieled fih. Hekk l-istess id-Dinglin. Nafu li hawn ħafna Dinglin imxerda ma' Malta. Nafu wkoll li dawn iħobbu ħafna lil pajjiżhom u żgur ma jonqsux li fi żmien il-festa jiġu jgawdu magħna. Aħna lil dawn nixtiequ nistednuhom biex nhar l-Erbgħa, 16 ta' Awissu jiġu u jieħdu sehem f'quddiesa li se nagħmlu apposta għalihom. Għalkemm nixtiequ, mhux possibli nistednuhom personalment, għalhekk nixtiequ li nieshom li jgħixu f'Ħad-Dingli jwassluhom din l-istedina f'isimna. Ħeġġuhom biex jiġu għax se nkunu nistennewhom.

### IL-KNISJA TAGĦNA

Fi żmien il-Festa il-Knisja tagħna verament ikun fiha għaxqa. Veru li hi dejjem sabieħa, għax arjuża, imdawla u miżmuma nadifa kuljum. Ta' dan ngħidu grazzi lil dawk il-grupp ta' 'helpers' li jnaddfu l-knisja. Imma fi żmien il-festa tkun xi ħaġa speċjali. Is-sena l-oħra dawk il-barranin (u anke aħna) li ġew iżuru l-knisja baqgħu impressjonati bl-indafa u l-ordni li raw fil-knisja tagħna. Tajjeb li niftakru, però li fi żmien il-festa ma tkunx Mużew imma tibqà d-dar ta' Alla. Għalhekk l-imġieba tagħna u l-ilbies tagħna għandu jkun jixraq lid-dar ta' Alla.

### IL-FESTA FIL-50 ANNIVERSARJU TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA.

Din is-sena qegħdin niċċelebraw il-50 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-knisja. Nhar is-26 ta' Marzu li għadda diġà kellna okkażżjoni niċċelebraw il-ġurnata eżatta tal-Konsagrazzjoni. Dan l-anniversarju se nkompluh permezz tal-festa ta' Santa Marija. Biex tibqa tifkira ta' din l-okkażżjoni, nhar l-Erbgħa 9 ta' Awissu, Mons Arċisqof se jbierek l-artal mejda l-ġdida u l-gradenzina u wara ssir l-ewwel quddiesa fuq l-artal il-ġdid. Festi oħra apposta biex niċċelebraw dan l-anniversarju isiru f'Ottubru li ġej.